# Il-Ħuttafa

## Il-magażin ta' Klabb Ħuttaf













BirdLife MALTA

Klabb Ħuttaf

Numru 68

Mejju - Ġunju 2005




Victor Falzon

## X'għandna?


| | |
|---|---|
| editorjal | 2 |
| Aħbarijiet | 3 |
| Tisliba | 3 |
| X'għandna mid-dinja? | 4 |
| X'se Naraw? | 5 |
| Attività | 6 |
| Likeni | 6 |
| Gallerija | 7 |
| Ambjentalist | 7 |
| Falko | 8 |
| Dak l-ilma kollu! | 9 |
| Sibtha fix-Xikba | 10 |
| Daħħal membru | 10 |
| Ngorongoro | 11 |
| Tgħid x'inhu jgħid? | 12 |


BirdLife MALTA



# Ħej Ħbieb!




Meta kont ta' mparkom kienet tiġi n-nanna b'idejha moħbijin wara daharha u tgħidli: "Isa Vic, iftaħ ħalqek u għalaq għajnejk!" Jien kont fil-pront nobdi, u wara ftit intiegħem xi pastina tal-lewż li tkun poġġietli f'ħalqi. Mmm! x'togħma tajba! Dejjem b'xi sorpriża kienet in-nanna :-)

In-natura wkoll mimlija sorpriżi. Imma għas-sorpriżi tan-natura irridu nagħmlu EŻATT IL-KONTRA ta' li kienet tgħidli n-nanna! Għax biex ingawdu n-natura Maltija rridu nifthu għajnejna sew u nżommu ħalqna magħluq. Għaliex?

**Għajnejna miftuħin**: għax ħafna drabi n-natura ta' pajjiżna hija ċiċ-ċokon, u trid tfittex biex tinduna biha. F'Malta m'għandniex annimali kbar, bħall-bufli u ż-żebri li ssemmilna Alison f'paġna11. Imma għandna per eżempju ħafna insetti u ħafna brimb. L-insetti mhumiex kollha kbar u kuluriti bħall-friefet, anzi ħafna minnhom huma żgħar u trid tfittex qalb il-fjuri u taħt il-weraq biex tarahom. Jekk ikollna lenti apposta (jgħidulha *loupe*) naraw meravilji li ma konniex nobsru li jeżistu, bħal-likeni li titkbilna dwarhom Denise (p.8). Dawn mill-viċin taħsibhom xi ħaġa minn dinja oħra!

**Ħalqna magħluq**: għax inqas ma nagħmlu storbju, iktar hemm ċans naraw u nisimgħu annimali bħaż-żanżarell u l-gamiema li jkellimna dwarhom Jason (p.5). L-annimali jitgerrxu minna l-bnedmin, u kif jarawna jew jisimgħuna ġejjin jisparixxu. Imma jekk inżommu l-kwiet forsi nersqu bla ma jindunaw bina fil-pront. U b'hekk ingawduhom aħjar.




Victor Falzon
l-editur



Il-**Bufula Sewda** (*Sylvia melanocephala*, Sardinian Warbler) hija għasfur komuni tal-ġonna. Jekk ma tarahiex, probabbli se tismagħha għax meta tkun eċitata tibda sejra Ċxxx-ċxxx-ċxxx! Ħafna drabi ssibhom koppja flimkien, raġel u mara. F'dar-ritratt jidhru t-tnejn fuq bird table. Tgħid x'qiegħda tgħidlu lil żewġha? :-)


**kumitat klabb ħuttaf**

Jason Aloisio, Norman Chetcuti, Desirée Falzon, Sylvia Falzon, Victor Falzon, Justin Vassallo

indirizz BirdLife Malta, 57/28 Triq Rigord, Ta' Xbiex MSD 12
tel 21347646 feks 21343239 imejl info@birdlifemalta.org
websajt www.birdlifemalta.org
imejl tal-magażin il-huttafa@birdlifemalta.org


Sakemm mhux speċifikat mod ieħor, l-isem BirdLife f'dal-magażin jirreferi għal BirdLife Malta. Materjal mill-magażin jista' jiġi kkupjat sakemm mhux għal skopijiet kummerċjali, sakemm jissemma' l-isem **Il-Ħuttafa** u tintbagħat lill-BirdLife kopja tal-materjal fejn ġie kkupjat.

Publikazzjoni: BirdLife Malta, Ġunju 2005
Disinn u produzzjoni: Victor Falzon
Ritratt tal-faċċata: Victor Falzon
Qoxra ta' wara: Victor Falzon
Films: Pixel Services. Stampat: Poulton's Print Shop

**Klabb Ħuttaf huwa t-taqsima ta' BirdLife Malta għall-membri ta' taħt it-18. Norganizzaw ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, u nagħmlu xogħol ambjentali. Noħorġu l-magażin *Il-Ħuttafa* kull xaharejn għall-membri, u nagħmlu ħendawts u logħob għal waqt xi attivitajiet. Sħubija fi Klabb Ħuttaf hija Lm3 fis-sena.**




# Biċċa Pizza?




Ritratt sabiħ meħud l-Għadira minn Edward Bonavia fil-21 Mejju 2005. Fir-ritratt jidhru **russett griż** u **paletta**. Ir-russett griż (grey heron - *Ardea cinerea*) huwa għasfur komuni tal-passa, u spiss jidhru qtajja' għaddejjin itiru bil-lajma. Il-paletta (Eurasian spoonbill - *Platalea leucorodia*) hija ħafna iktar rari, imma dawn l-aħħar snin xi waħdiet bdew jitfaċċaw kull sena u jinżlu f'postijiet bħall-Għadira. Iktar tard, din l-istess paletta marret iżżur ukoll ir-riserva tas-Simar. Ħeqq, żewġ ristoranti aħjar minn wieħed!

# Tisliba bi premju



Desirée Falzon

It-tweġibiet ta' din it-tisliba ssibuhom kollha f'dil-ħarġa tal-Ħuttafa. Ibagħtulna t-tweġibiet fuq karta jew skenjaw l-istampa u ibagħtuhielna bl-imejl - tqattgħux il-magażin. Ċans sat-**30 Ġunju 2005**. Ir-rebbieħ jirċievi l-ktieb *Għasafar Madwarna*.

**Mimdudin**

1 Il-Milky Way hija din (paġ.4)
3 Din lenti biex tkabbarlek affarijiet żgħar (p.2)
4 Il-woodpecker reġa' nstab f'dan l-istat (p.4)
8 Sensiela ġdida minn Oliver Cardona (p.7)
11 Iridu korsa tal-_______ fil-Baħrija (p.3)
12 Minħabba f'dan għad jinqalgħu l-gwerer (p.10)
13 Dan l-aħħar niżlet l-Għadira u s-Simar (p.3)
14 Ftit ilu dal-pajjiż żied 9 Ramsar Sites (p.4)
16 Parti mil-likena hija _______ (p.6)
17 Post tal-ġenn fit-Tanżanija (p.11)

**Weqfin**

1 Wieħed mill-erbivori ta' Ngorongoro (p.11)
2 Isem il-gamiema bil-Latin (p.5)
5 Din pinġihielna Gilbert Cassar (p.7)
6 Websajt fuq l-annimali (p.11)
7 Fit-30 Lulju l-Falko sejrin Ta' _____ (p.8)
9 Fuq il-faċċata ta' dil-ħarġa (p.1)
10 Biċċa minn isem il-bufula sewda bl-Ingliż (p.2)
15 Tajra kbira Afrikana, tip ta' pitarra (p.11)



# 30,000,000,000



**L-astronomi jaħsbu li fil-galassja tagħna jeżistu mill-inqas 30 biljun pjaneta oħra. Min jaf kemm minnhom għandhom xi tip ta' ħajja fuqhom. Tgħid veru li m'aħniex weħidna fl-univers!**

**Galassja hija massa kbira ta' kwiekeb u pjaneti. Il-galassja li fiha qegħdin ix-xemx u d-dinja tagħna jisimha l-Milky Way. Tafu x'jgħidulha l-Milky Way bil-Malti? Jgħidulha Triq Sant'Anna!**

# 3,000,000

Iċ-Ċina għadha kemm iddikjarat 9 Ramsar Sites ġodda. Ramsar Sites huma nħawi niedja (wetlands) bħal għadajjar, bwar, widien, xmajjar, xtut eċċ. Postijiet bħal dawn tgħix fihom ħafna natura, għax fejn hemm l-ilma hemm il-ħajja. Meta post isir Ramsar Site il-gvern ta' dak il-pajjiż jagħtih protezzjoni speċjali. B'din iż-żieda, iċ-Ċina issa għandha 30 Ramsar Site (area totali ta' 3 miljun ettaru).

Fid-dinja issa hawn b'kollox **1438 Ramsar Sites**, u tnejn minnhom qegħdin f'Malta: ir-riservi ta' l-Għadira u s-Simar!

# Kien mitluf u reġa' nstab!



Kienu ħasbu li nqered mid-dinja. U issa reġgħu rawh!

Huwa wieħed mill-iktar woodpeckers kbar u spettakolari tad-dinja u jgħidulu **Ivory-billed Woodpecker** *Campephilus principalis*. Kien jgħix f'foresti max-xmajjar fix-xlokk ta' l-iStati Uniti. Meta l-bniedem qered dawn il-foresti, l-Ivorybill inqered magħhom. L-aħħar li deher kien fl-1944, u għalhekk l-ornitoloġi (nies li jistudjaw l-għasafar) għamlulu salib u ddikjarawh estint.

Imma dan l-aħħar fl-istat ta' Arkansas mhux talli lemħuh, imma ffilmjawh ukoll!

# kaċċamoqżieża.com




Ċertu John Lockwood, kaċċatur minn Texas, ħareġ b'idea verament moqżieża. X'għamel?

Qabbad vidjo-kamera mar-rajfil tal-kaċċa, ikkonnettjahom it-tnejn mal-kompjuter u tellagħhom fuq websajt. U issa qed joffri servizz lin-nies biex **jikkaċċjaw ċriev u ħanżir selvaġġ "mill-kumdità ta' darhom"**!

Dan jagħmluh billi jidħlu fil-websajt tiegħu, fejn (bi ħlas, naturalment) jixegħlu l-vidjo-kamera li għandu mqabbda mar-rajfil. Imbagħad joqogħdu jistennew quddiem il-kompjuter, u jekk tgħadd ċerva minn quddiem il-kamera, titfaċċa fuq l-iskrin tal-kompjuter, jagħfsu l-kibord u r-rajfil jispara veru u joqtol liċ-ċerva! Anke min-naħa l-oħra tad-dinja!

Temmnuhom dawn l-affarijiet? Insomma, eżempju ieħor ta' nies bla qalb li jippruvaw isiru sinjuri mill-moħqrija jew mill-qtil ta' l-annimali.

# Ġelled... u patta!



Ftit ilu f'West Sussex (Ingilterra) raġel wieħel **3 xhur ħabs u multa ta' Lm3000 talli ġelled is-sriedaq**!

Il-pulizija rrejdjawlu d-dar u qabduh iġelled is-sriedaq. Sabulu serduq diġà mejjet mill-ġrieħi li kellu, u 15 oħra feruti. Disa' rġiel li kienu qed jaraw il-ġlied u jagħmlu l-imħatri weħlu xalata multi bejniethom. Fir-Renju Unit, il-ġlied bis-sriedaq ilu 150 sena kontra l-liġi.

F'Malta wkoll il-ġlied tas-sriedaq huwa illegali, imma xorta għad hawn min iġelled sriedaq u klieb għall-imħatri. U meta (rari) jinqabad xi ħadd, jeħel xi ħmerija.




# X'se naraw?

**Jason Aloisio** jgħidilna kif naraw u nagħrfu xi għasafar li jkunu magħna f'daż-żmien tas-sena.

Mill-bidu ta' Ġunju sa nofs Lulju ftit li xejn jidhru għasafar ħlief dawk li jbejtu. U ngħiduha kif inhi, is-sħana ma tħallilekx aptit biex toħroġ iddur fil-kampanja forsi tara rixa. Biss mawra għall-frisk tal-Buskett taf tlaqqgħek ma' żewġ għasafar interessanti...



## iż-Żanżarell tat-Tikki

Spotted Flycatcher *Muscicapa striata*

Kull sena ftit pari jbejtu fil-Buskett. Dan l-għasfur fih daqs għasfur tal-bejt u żgur ma jolqtokx bil-kuluri tiegħu għax huwa griż ċar minn fuq, iktar ċar minn taħt, u bit-tikek fuq sidru. Joqgħod fuq zokk jew wajer tad-dawl fil-għoli minn fejn itir u jogħla biex jaqbad l-insetti mill-ajru, imbagħad jerġa' pront imur lura fejn kien. Ġieli jieqaf jisseqqer għal ftit sekondi qabel jerġa' jinżel. Minħabba d-daqs tal-ġwienaħ, meta jtir forsi taħsbu ftit ikbar milli fil-fatt hu. L-għajta tiegħu tixbaħ liz-zekzik ta' pitirross.

(*Għasafar Madwarna* p 44)

## il-Gamiema

Turtle Dove *Streptopelia turtur*

Issa li l-istaġun tal-kaċċa ngħalaq, il-ftit gamiem li jitfaċċa iktar għandu ċans li ma jinqatilx, u forsi jħallina narawh. Il-Buskett jiġbidhom bħal kalamita, u xi par jittanta jbejjet. Il-gamiema hija ftit iżgħar u irqaq mill-ħamiema u ttir iktar bil-ħatfa minnu. Il-ġwienaħ huma oranġjo fil-kannella b'daqqiet suwed. Rasha u sidirha ċari fil-griż. Jekk tara waħda ttir minn siġra, jolqtok denbha miftuħ qisu mrewħa, abjad fit-tarf, faxx iswed fin-nofs u griż minn ġewwa. Għandha għajta kwieta u ħelwa: *turr...turr...turr.*

(*Għasafar Madwarna* p 28)

Jekk għandek l-internet, idħol fil-websajt tal-BirdLife **www.birdlifemalta.org,** klikkja KLABB ĦUTTAF, imbagħad klikkja t-tabella X'SE NARAW? u ssib mhux biss iktar ritratti ta' dawn iż-żewġ għasafar, imma tista' anke tisma' l-ħoss li jagħmlu. Grazzi kbira lil Denis Cachia, li jieħu ħsieb il-websajt tal-BirdLife, u li ħolqilna dan is-servizz.




L-istampi t'hawn fuq meħudin mill-ktieb ***Għasafar Madwarna.*** Il-BirdLife ħarġet dal-ktieb apposta għal min irid jibda l-berdwoċing minn età żgħira. Jekk għad m'għandekx... x'qed tistenna? Ċemplilna fuq 21347646 u ordna wieħed. Fih tagħrif sempliċi fuq 100 għasfur, u bil-kulur minn qoxra sa qoxra. U **Lm2.05** biss!




Kellna ngħollu ftit il-miżata! Allavolja l-Klabb jitmexxa mill-voluntiera, xorta jiswa l-flus biex tmexxih. Il-miżata kienet ilha ħames snin bil-Lm2, u f'ħames snin l-affarijiet għolew koċċ - posta, karti, stampar tal-magażin eċċ. Il-miżata issa qiegħda Lm3.

Għadna kemm ħriġna poster ġdid mis-sensiela *Ħieles, Ħaj u Sabiħ!* Poster kbir, bil-kulur u b'għasfur ġdid (russett tas-siġar). Bħas-soltu dal-poster nibagħtuh lil min iġedded il-miżata fil-Klabb. Min ilu membru, min jaf x'sett posters għaqqad!

# Inewħu fid-dlam...

Is-sena l-oħra morna u ħadna gost, u għalhekk dis-sena ħa nerġgħu mmorru. Ħa mmorru fl-inħawi ta' Għar Ħasan* biex **nisimgħu ċ-ċief** dieħel bil-lejl. Ċiefa hija tajra qisha gawwija griża li tbejjet f'numri kbar f'ħofor fl-irdum. F'Lulju jkunu fl-aqwa ta' l-istaġun. Jekk qatt ma smajtu ċiefa tnewwaħ fid-dlam, dil-ħarġa titilfuhiex!



Data: l-**Erbgħa 6 Lulju 2005**
Ħin: **7.30pm**
Niltaqgħu: fil-**parking** ta' Għar Ħasan
Età: **kulħadd**

L-attività ddum xi sagħtejn. Minħabba li se nkunu qrib l-irdum, nitolbu ġenituri ta' membri taħt it-13 jattendu ma' uliedhom għal din l-attività. Tinsewx iġġibu xi dlik għal kontra n-nemus!

*Did-darba mhux se ninżlu fl-għar għax magħluq.

BirdLife Malta Pictures

# X'ikunu Likeni?

tgħidilna Denise Grima




victor falzon



victor falzon

Ġieli meta tħares lejn zokk ta' siġra jew ma' l-art fuq xi bejt jew ħajt umdu tara qisu ħaxix ħiereġ minnu jew tbajja ċari jew ħodor. X'ikunu dawn? Dawk ngħidulhom **likeni**.

Il-likeni mhumiex organiżmu wieħed, bħal meta tara pjanta jew bebbuxu. Likeni huma għaqda bejn żewġ forom ta' ħajja: tip ta' **fungu** u tip ta' **alga**. Dawn iż-żewġ organiżmi ma tantx jgħixu mifrudin, għalhekk jgħixu flimkien għax għandhom bżonn lil xulxin - din it-tip ta' "ħbiberija" tissejjaħ assoċjazzjoni simbjotika. Il-likena tikkonsisti f'saff ħjut tal-fungu mwaħħla maz-zokk jew ġebel, u ċelloli ta' l-alga taħt dan is-saff ta' ħjut.

Il-fungu jipproteġi l-alga mill-effetti ambjentali, bħal raġġi tax-xemx u sħana. L-alga tpatti billi tipproduċi nutrimenti għall-fungu. Interessanti hux! Hija xi ħaġa straordinarja kif żewġ organiżmi sempliċi bħal dawn jirnexxielhom jgħixu flimkien f'relazzjoni hekk kumplessa! F'Malta għandna mal-200 speċi ta' likeni.

Importanti li dan it-tagħrif iżżommuh għax ftit xhur oħra ser norganizzaw attività (ħa nħalluha sorpriża għalissa ) u żgur tiġu bżonnu!

# galleria



**kokka qattus**
dorianne dalli
11



**ċikonja bajda**
tyrone vella 10



**qerd in-** nahal
kurt bugeja 12



**ċiefa**
danica borg
10



**buċaqq tax-xitwa**
stefan montebello 10



**merill**
martin
austad 11

**Ibagħtulna t-tpinġijiet naturali tagħkom!**
(mhux ta' pets u annimali domestiċi). Tinsewx isimkom, l-età u isem l-annimal jew pjanta.



**silfjun ewropew**
christian vella 9



**sarsella**
gilbert
cassar 8



**kelb il-baħar**
clayton
żammit 10

# AMBJENTALIST

**Oliver Cardona** jibda jagħtina ftit pariri siewja fuq kif ngħixu ta' ambjentalisti vera.

## Dal-kompjuter xebbagħni..!

SensielA ĠdidA



Illum min m'għandux kompjuter? U bir-rata ta' kif qed jiżviluppaw, kompjuter ma jdumx ma jiqdiem u nkunu rridu ieħor aħjar minnu. Ġieli ħsibtu fejn jispiċċa l-kompjuter l-antik? Jekk ma noqogħdux attenti, se nispiċċaw negħrqu taħt muntanja oħra tas-silikon.

Qabel niddeċiedu biex napgrejdjaw, irridu naraw x'nistgħu nerġgħu nużaw mill-kompjuter l-antik, per eżempju l-kibord, il-maws jew il-moniter. Forsi flok nibdlu kompjuter sħiħ, nibdlu biss is-CPU, u b'hekk niffrankaw ħafna skart (u ħafna flus).

Kull min għandu printer, jaf kemm jinħlew malajr il-kartriġis. Flok narmuhom u nixtru oħrajn, nistgħu mmorru nerġgħu nimlewhom. B'hekk nevitaw li kull darba narmu l-kartriġ tal-plastik li jkun għadu perfettament tajjeb.

Jekk se tixtru moniter ġdid, ixtruħ TFT (miċ-ċatti) flok CRT (dawk il-goffi l-antiki) għax it-TFT jaħlu ferm anqas dawl. U tkun idea tajba jekk nissettjaw il-*power settings* biex jekk ninsew il-kompjuter mixgħul, il-moniter u l-hard-disks jintfew weħidhom, per eżempju wara 20 minuta, u b'hekk niffrankaw l-eletriku u ż-żejt li juntuża biex nipproduċuh.





# Hbieb Falkuni!

Kollox sew? Dir-rebbiegħa kellna passa tassew sabiħa! Dehru għasafar sbieħ bħal paletti, fjamingi u monakell imperjali. Apparti hekk, żaruna wkoll għasafar li mhumiex daqstant komuni. Fost dawn kien hemm daqquq ikħal, kokk u agretti sofor.

Ngħid għalija, l-aktar li gawdejt il-passa kienu dawk il-ħamest ijiem li kont Kemmuna. Dik il-gżira ġenna ta' l-art għal min japprezza l-ambjent naturali. U peress li ftit hemm postijiet bis-siġar, l-għasafar għandhom tendenza jinġabru f'dawk il postijiet. Fis-siġar l-għasafar iktar isibu insett x'inaqqru, jew imqar ftit tad-dell fejn jistrieħu.

Wied l-Aħmar huwa wieħed minn dawn il-postijiet. Bis-saħħa tal-voluntiera tal-BirdLife u b'għajnuna minn xi sponsors, irnexxielna nieħdu ħsiebu sew dal-wied. Is-siġar iż-żgħar insaqquhom regolari, u fejn mietu xi siġar ħawwilna oħrajn. La jikbru dawn is-siġar minn hawn u 10 sena oħra, il-post ikun fih għaxqa aktar milli diġà hu! Aħna tal-Falko morna kemm-il darba ngħinu: insewwu l-ħitan tas-sejjieħ, insaqqsu, inħawlu.

Kemm domt Kemmuna rajt varjetà sabiħa tassew. Tajr isfar, kokk, bqaraq, daqquq ikħal, merilli u anke kuda ramlija! Fuq kollox, sparar ta' kaċċaturi ma smajt xejn (ħlief xi tiri minn Għawdex) għax Kemmuna hija kollha kemm hi santwarju ta' l-għasafar!

Issa wasal is-sajf u l-għasafar f'Malta jonqsu ħafna. Imma dan iż-żmien nistgħu nużawh biex inżidu dak li nafu fuq l-għasafar (kif ser nagħmlu fl-attività ta' Għawdex), u ngawdi dawk l-ispeċi li jbejtu fil-gżejjer.

Narakom l-attivitajiet!



Justin

**Justin Vassallo**
Ko-ordinatur Falko

Justin huwa bird ringer mal-BirdLife, u wieħed minn dawk li jmorru Kemmuna fir-rebbiegħa biex jgħinu fil-proġett Piccole Isole. Dan huwa studju ta' kull sena fuq l-għasafar tal-passa.

# FAL



## Żgħażagħ BirdLife Malta

## Kamp Għawdex

Ħa nitilgħu s'Għawdex u noqogħdu x-Xagħra għand sieħibna Mario Gauci. Fil-ħemda ta' dak ir-raħal antik nistrieħu wara l-eżamijiet (min ikun lestiehom!) u nitkellmu bejnietna fuq x'rajna fil-passa li għaddiet. Filgħaxija, meta jkun aktar frisk, immorru mixja fil-wied tar-Ramla. Ninżlu lura Malta l-għada s-Sibt wara nofsinhar.



Data: **Ġimgħa-Sibt 17-18 Ġunju 2005**
Niltaqgħu: **il-Belt @ 3.30pm**
jew **iċ-Ċirkewwa @ 4.15pm**
Età: **Falko 13+**
Min jixtieq jiġi jċempel lil Matthew Borg Cardona **(99886811)**

## Najtħajk

Se nimxu mir-Rabat sa Wied iż-Żurrieq (sagħtejn u nofs kollox), u norqdu max-xatt. Filgħodu ngħumu ftit, imbagħad naqbdu tal-linja lura d-dar.



Data **Erbgħa-Ħamis 29-30 Ġunju 2005**
Niltaqgħu:**il-Belt fejn tal-ħalib @ 8pm**
jew **il-venda tar-Rabat @ 9pm**
Età: **Falko 13+**

## Xogħol fil-Foresta + BBQ

Għal darb'oħra talbuna mmorru sal-Foresta 2000 biex nagħtu daqqa t'id fix-xogħol tat-tisqija tas-siġar. Wara ninżlu l-bajja ta' l-Għadira, fejn ngħumu għuma u nagħmlu barbikju. Trasport se jkun hemm għal wara għal min ikollu bżonn (basta tavżawna!)



Data: **il-Ħadd 3 Lulju 2005**
Niltaqgħu: **il-Belt ħdejn tal-ħalib @ 4pm**
jew **l-Għadira @ 5.15pm**
Età: **Falko 13+**
Min jixtieq jiġi jċempel lil Simon Sultana (79094104) biex jibbukkja l-ikel!

## Bil-lejl fuq Ta' Ċenċ

Niltaqgħu s-Sibt, naqsmu għal Għawdex u nimxuha sa l-irdum ta' Ta' Ċenċ. Hemm filgħaxija tidħol kwantità ta' ċief lejn il-bejtiet, u aħna mmorru nisimgħuhom. Norqdu barra, u ninżlu lura Malta l-għada l-Ħadd.



Data: **Sibt-Ħadd 30-31 Lulju 2005**
Niltaqgħu: il-**Belt ħdejn tal-ħalib @ 3pm**
jew **iċ-Ċirkewwa @ 4pm**
jew **l-iMġarr @ 5pm**
Ġibu: basket tad-daħar, sanblokk, beritta, ilma, ikel, sleeping bag (jew kutra) u flus għall-vapur. Min jixtieq jiġi jċempel lil Justin Vassallo (79440104)
Età: **Falko 13+**

Ftit ilu l-President Amerikan George W Bush lil wieħed kaċċatur tah dan il-parir: **"Ftakar: huma l-għasafar li suppost isofru, mhux il-kaċċatur!"** Mur obsor, Mister President!



karta riċiklata

Victor Falzon




Elisabeth Conrad

# Dak l-ilma kollu!

Id-dinja tagħna hija l-unika mid-disa' pjaneti tas-Sistema Solari tagħna fejn nafu li teżisti l-ħajja. Ir-raġuni prinċipali hija l-preżenza ta' l-ilma. Fid-dinja tagħna biss jinsab l-ilma forma ta' likwidu.

Kważi tliet kwarti ta' wiċċ id-dinja huwa mgħotti bl-ilma. Imma sfortunatament inqas minn 1% minnu huwa tajjeb għax-xorb. Il-bqija jew mielaħ, iffriżat jew imniġġes.

X'inhuma l-problemi prinċipali relatati ma' l-ilma? Bażikament huma tnejn: il-kwantità u l-kwalità!

## kwantità

Mhux talli inqas minn 1% ta' l-ilma huwa tajjeb għax-xorb, imma lanqas m'hu mqassam indaqs fid-dinja. Hemm artijiet li dejjem bl-għargħar, oħrajn mejtin għal qatra!

Din hija problema kbira anke politika. Is-sistemi naturali ta' l-ilma ma jimxux skond il-fruntieri ta' pajjiżi li ħoloq il-bniedem. Per eżempju, xmara taf tgħaddi minn diversi stati, reġjuni u pajjiżi. Dawk il-pajjiżi li fihom tibda x-xmara għandhom poter kbir fuq kemm ilma jasal f'reġjuni oħra. Jekk ngħidu aħna pajjiż jibni diga (dam) fuq xmara, din tnaqqas ħafna l-ammont ta' ilma li se jasal f'postijiet oħra. Diversi esperti jbassru li l-ikbar gwerer fil-futur għad ikunu minħabba l-ilma! Diġà l-problemi ta' l-ilma qed jikkumplikaw is-sitwazzjoni politika fil-Lvant Nofsani.

## kwalità

Ħafna mix-xmajjar, għadajjar u ħażniet oħra ta' l-ilma tant tħammġu b'kimiċi u tniġġis ieħor li m'għadhomx tajbin għall-użu mill-bniedem, jekk mhux b'tisfija speċjali li tiswa spejjeż kbar.

Dawn il-problemi jkomplu jisserjaw iktar ma jgħaddi ż-żmien u iktar ma tkompli tikber il-popolazzjoni tad-dinja. Għalkemm it-teknoloġija tal-lum tista' tgħin ftit, per eżempju b'impjanti tar-reverse osmosis, dawn kollha jinvolvu spejjeż kbar u l-użu tagħhom huwa limitat. Ir-reverse osmosis, per eżempju, juża ħafna ħafna enerġija, u din toħloq problemi oħra ambjentali.

## ħu ħsieb!

Għalhekk importanti li lkoll kemm aħna nagħmlu l-parti tagħna, żgħira kemm hi żgħira, biex nibżgħu għall-ilma (araw il-kaxxa t'isfel għal ftit pariri) Forsi taħsbu li ma jiswa xejn ħdejn il-problemi li semmejna, imma li kellu kulħadd jagħmel il-parti tiegħu, flimkien nagħmlu differenza kbira.

### Biex naħlu inqas...

- Agħlqu l-vit ta' l-ilma sew.
- Ma nħallux il-vit miftuħ waqt li naħslu snienna.
- Fejn nistgħu nieħdu xawer flok banju.
- Jekk nieħdu banju ma nimlewhx sax-xfar.
- Ma nifflaxxjawx għal xejn b'xejn.
- Nimlew tazza b'kemm ilma għandna bżonn (mhux nimlewha kollha mbagħad narmu nofsha!)







**Janet Gerardi** ddur dawra ma' l-internet u ssibilna websajts interessanti fuq in-natura.

**Yahooligans! Animals** hija websajt għat-tfal mimlija tagħrif fuq l-annimali. Is-sajt imqassma f'sitt partijiet: mammiferi, ħut, insetti, għasafar, amfibji u rettili. F'kull grupp hemm lista twila ta' annimali li tista' tikklikkjahom għal ritratti u tagħrif fuqhom. Hemm ukoll *fact file* b'iktar tagħrif fuq kull wieħed minn dawn il-gruppi.

Peress li hija sajt Amerikana, ħafna mill-annimali huma speċi li ssib f'dak il-kontinent, uħud li żgur qatt ma smajtu bihom. X'inhi Nutria? Fejn tgħix l-Ensatina?

Gawdu l-internet, ħbieb. Huwa l-ikbar enċiklopedija tad-dinja!




## Għal kull membru li ddaħħal fil-Klabb inti tieħu

- **3 pitazzi**
- **stiker bil-kulur**
- **15-il punt fil-Ħuttafattiva**



Ħajjar lil sħabek u lil ħutek jidħlu fi Klabb Ħuttaf...
Tihom kopja ta' dil-formola biex jimlewha...
Imla isfel nett id-dettalji tiegħek stess...
Ibgħat kollox lil BirdLife Malta, flimkien mat-**Lm3** tal-membru l-ġdid.

**Dettalji tal-membru l-ġdid**

isem u kunjom ______

indirizz ______

______ postcode ______

data tat-twelid ______ telefon ______ imejl ______

liema skola jattendi ______

**Dettalji tiegħek stess**

isem u kunjom ______

indirizz ______

______ postcode ______

membership number ______ telefon ______ imejl ______

liema skola tattendi ______

Tqattax il-magażin - agħmel kopja!

Ibgħat kollox lil **BirdLife Malta 57/28 Triq Rigord, Ta' Xbiex MSD 12**
Tibghatx flus bil-posta, imma ċekk (pagabbli lil BirdLife Malta) jew inkella 43 bolla tas-7ċ (jekk self-adhesive tant aħjar!).

# NGORONGORO CRATER



kitba u ritratti
**Alison Buttiġieġ**

**Ħotspots**

Qatt bsartu li jeżisti post fid-dinja qisu żu naturali fejn l-annimali jinġabru minn rajhom f'post wieħed u jgħixu ħielsa f'ambjent uniku? Hekk hu Ngorongoro Crater fit-Tanżanija (Afrika).

Darba Ngorongoro kien vulkan enormi, imma 2.5 miljun sena ilu, wara żmien twil bla ma jiżbroffa, il-vulkan sfronda, u ħalla ħofra (jgħidulha kaldera) wiesgħa xi 20km, fonda 600m u mdawra ċirku tond bl-għoljiet.

Illum, minbarra li joffri xenarju mill-isbaħ, Ngorongoro huwa litteralment amfiteatru naturali ta' l-annimali. Peress li fih ukoll ilma ħelu s-sena kollha (lussu rari fl-Afrika) eluf ta' annimali jgħixu hawn permanentement, u f'ċertu żmien tas-sena jingħaqdu magħhom annimali tal-passa.

Ngorongoro huwa mini-ekosistemi fejn insibu annimali ta' ħafna speċi ta' din-naħa ta' l-Afrika. L-iktar numerużi huma l-erbivori (li jieklu pjanti biss) bħall-iljunfanti, bufli, żebri, gnu, għażżiela (gazelles) u ippopotami. Ma jonqsux il-predaturi li festa bħal din ma jitilfuhiex! Fost dawn insibu l-jeni (hyenas) u r-re tas-savanna nnifsu: l-iljun! U x'ingħidu għall-għasafar? Eluf ta' fjamingi jiksu wiċċ l-ilma, ngħam (ostriches) jiġru kullimkien u xi karattri strambi wkoll, bħall-kori (tip ta' pitarra). Hawnhekk huwa wkoll wieħed mill-aħħar postijiet fl-Afrika fejn għadu jgħix ir-rinoċeront.

Ngorongoro Crater, u miegħu medda art kbira madwaru, huma protetti u flimkien jiffurmaw l-iNgorongoro Conservation Area. Dan ifisser li mhux l-annimali biss protetti, imma anke t-tribujiet tal-post. B'hekk jistgħu jibqgħu jgħixu fil-paċi bla periklu li xi ħadd joħdilhom arthom.



**buflu Afrikan**



**ippopotamu**



**jena tat-tikki**






**kori**



**iljun Afrikan**



**għażżiela ta' Thomson**



**żebra**



**gnu**

# Tgħid x'inhu jgħid dal-bniedem żaqqieq?!



**Din mhix sempliċi stampa ta' raġel ħa jiekol pizza! Dik il-pizza għandha forma speċjali. L-istampa trid tagħti messaġġ għall-ambjent naturali ta' pajjiżna. Aħsbu f'sentenza xierqa u iktbuha fil-vojt ħalli l-messaġġ ambjentali jasal aħjar.**

Jekk tridu ibagħtulna l-messaġġ li tkunu vvintajtu, Imbagħad aħna nagħżlu uħud minnhom u nġibuhom fil-Ħuttafa jmiss. Tqattgħux il-magażin - bizzejjed tibagħtu s-sentenza miktuba fuq karta jew b'imejl. Basta magħha tibagħtu isimkom, età u minn fejn intom.